Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Mejju 2026
(OR. en)

7988/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0079(NLE)

AELE 20
MI 315
ISL 7
N 18
FL 8
FSC 9

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE (Superviżjoni ta' ċerti amministraturi ta' parametri referenzjarji mill-ESMA)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE (Superviżjoni ta' ċerti amministraturi ta' parametri referenzjarji mill-ESMA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

[1] ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj.

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[2] (il-"Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE.

(3) Jenħtieġ li r-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2022/804[3], (UE) 2022/805[4] u (UE) 2024/1705[5] li jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

---

[2] ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj.

[3] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/804 tas-16 ta' Frar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika r-regoli ta' proċedura għal miżuri applikabbli għas-superviżjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ta' ċerti amministraturi ta' parametri referenzjarji (ĠU L 145, 24.5.2022, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/804/oj).

[4] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/805 tas-16 ta' Frar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika t-tariffi applikabbli għas-superviżjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ta' ċerti amministraturi ta' parametri referenzjarji (ĠU L 145, 24.5.2022, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/805/oj)

[5] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1705 tal-11 ta' Marzu 2024 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/805 fir-rigward tal-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ċerti amministraturi tal-parametri referenzjarji (ĠU L, 2024/1705, 18.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1705/oj).

(4) Għalhekk jenħtieġ L-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President